MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 118/2002/2

**Joseph Portelli f'ismu u bħala prokuratur tal-imsiefra Bernardette Logan skont id-digriet tal-25 ta' April 2008, u Carmen Vella**

***v.***

**Paul Portelli, Peter Paul Portelli, l-Avukat Dr. Chris Said li b'digriet tat-23 ta' Diċembru 2002 ġie nominat kuratur deputat biex jirrappreżenta**

**lill-imsiefer William Portelli u b'nota tat-22 ta' Jannar 2003, Dr. Alfred Grech assuma u accetta l-bandu ghan-nom tal-imsiefer William Portelli; u b'nota tal-15 ta' April 2003 William Portelli assuma l-atti tal-kawza stante li jinsab f'dawn il-gżejjer; u b'nota tat-13 ta' Ġunju 2003 Dr. Alfred Grech assuma l-atti tal-kawża minflok William Portelli li jinsab imsiefer**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija fis-17 ta' Novembru 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li laqgħet talba tal-atturi biex isir qsim tat-tgawdija ta' proprjetà komuni li tifforma parti minn assi ta' wirt sakemm il-proprjetà tinqasam definitivament f'kawża oħra għall-qsim tal-wirt.

2. L-ewwel qorti fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għal dik id-deċiżjoni:

> "… … … permezz ta' din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu li pendenti l-eżitu ta' kawża għad-diviżjoni tal-assi mħollija lilhom mill-ġenituri tagħhom, il-kontendenti jkunu jistgħu jingħataw il-fakoltà li jokkupaw u jgawdu partijiet diviżi mir-raba' *tal-Bitħa* limiti tal-Nadur ... … … li tifforma parti mill-beni in diviżjoni. Il-konvenut Paul Portelli kien qajjem eċċezzjoni preliminari f'dan ir-rigward.
>
> "Permezz tas-sentenza tagħha tal-11 ta' Mejju 2004 din il-qorti kienet qalet hekk:
>
> > ""Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenut Paul Portelli jikkontendi illi mhux mogħti d-dritt lil ko-eredi li fil-mori ta' kawża għad-diviżjoni ta' assi ereditarji u sakemm tinqata' din il-kawża, jitlob li t-tgawdija ta' xi raba' partikolari formanti parti minn dan il-wirt tinqasam bejn uħud mill-kondividenti biss. Mhux kontestat illi bejn il-kontendenti hemm pendenti kawża għad-diviżjoni tal-beni ereditarji tal-ġenituri tagħhom. L-anqas hemm ebda dubbju illi talba għat-tgawdija tal-beni formanti parti l-eredità

in diviżjoni tista' wkoll ssir *pendente lite* l-hekk imsejħa *actio familiæ erciscundæ. … … …* Normalment talbiet simili jsiru fl-istess kawża għad-diviżjoni, imma ma jidher illi hemm xejn fil-liġi tagħna li tipprojbixxi li jsiru talbiet *ad hoc* f'dan ir-rigward. Il-ġurisprudenza ċitata mill-konvenut Paul Portelli fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu ma jidhirx illi hija applikabbli għall-każ in eżami, għaliex f'dawk il-kawżi kienet qed tintalab id-diviżjoni parzjali ta' xi oġġetti formanti parti l-eredità li kienet għadha mhux likwidata, jew inkella d-dikjarazzjoni dwar il-kwota spettanti lill-ko-eredi minn xi beni qabel ma l-eredità kollha tkun ġiet likwidata, li ċertament mhux il-każ fit-talba preżenti.

"Għandhom raġun josservaw ukoll l-atturi illi l-artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili jippermetti lill-komproprjetarji jitolbu lill-qorti tiddeċiedi kif dawn għandhom igawdu l-ħaġa komuni, u ma ssir ebda distinzjoni dwar jekk ikunx hemm kawża għad-diviżjoni pendenti jew le ... ... ... ".

"Billi in sewgitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Marzu 2007, l-atti ġew leġittimati u jirriżulta li din l-għalqa tappartjeni indiviżament bejn is-sitt kontendenti f'din il-kawża, il-qorti għaddiet biex tinnomina perit arkitett sabiex jipprepara pjan ta' qasma dwar kif l-għalqa in kwistjoni tista' pendenti l-eżitu tal-kawża għad-diviżjoni tal-assi tal-ġenituri tagħhom, huma jkunu jistgħu jagħmlu użu u jikkoltivaw l-istess għalqa. L-A.I.Ċ. Joseph Dimech qal li din l-għalqa tista' proviżorjament tinqasam billi tiġi diviża f'sitt porzjonijiet kif indikati minnu fil-pjanta annessa mar-relazzjoni tiegħu. Il-konvenut Paul Portelli ma qabilx ma' dan il-pjan ta' qasma u ppreżenta nota għall-ħatra ta' periti perizjuri. Però, mitlub mill-qorti sabiex jagħti spjegazzjoni għal din it-talba huwa baqa' m'għamilx dan sakemm il-kawża tħalliet għas-sentenza.

"Din il-qorti, wara li eżaminat il-pjan ta' qasma propost mill-perit tekniku, jidhrilha illi dan il-pjan ta' qasma, fejn l-għalqa *de quo agitur* ġiet maqsuma f'sitt porzjonijiet bejn wieħed u ieħor ugwali, u fejn kull wieħed/waħda mill-kontendenti jista' jkollu aċċess dirett għall-parti tiegħu minn triq pubblika, huwa wieħed ġust u jimmerita konferma. Naturalment trid tittella' x-xorti bejn il-kontendenti sabiex kull wieħed/waħda minnhom ikun jaf liema minn dawn is-sitt *plots* ġiet tmiss lilu għall-fini ta' din it-tgawdija proviżorja."

3. Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel qorti hekk qatgħet il-kawża:

"... ... ... tilqa' t-talba attriċi, u tiddikjara illi r-raba' *tal-Bitħa* limiti tan-Nadur, Għawdex, għandha tinqasam f'sitt porzjonijiet kif indikati fil-pjanta esebita mill-perit Joseph P. Dimech fir-relazzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2010, u wara li tittella' x-xorti bejn l-istess kondividenti, ħaġa li għandha ssir fi żmien xahar mil-lum, tawtorizża lil kull wieħed u waħda minnhom sabiex jokkupa u jaħdem dak il-porzjon li jkun messu sakemm ikun hemm diviżjoni definittiva fil-kawża ta'diviżjoni li tinsab pendenti bejniethom.

> "L-ispejjeż tal-kawża, apparti dawk ġia deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Marzu 2007, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti kollha."

4. Il-konvenut Paul Portelli appella minn din is-sentenza b'rikors tas-7 ta' Diċembru 2010. L-aggravju tiegħu essenzjalment huwa illi l-appellant:

> "... … … ma jikkondividix ir-raġonament tal-ewwel qorti illi fil-pendenza ta' kawża għal diviżjoni ta' sustanzi ereditarji, u in bażi ukoll għall-artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili, seta' jiġi spigolat wieħed minn dawk l-istess sustanzi u permezz ta' azzjoni *ad hoc* ordnata l-qasma materjali tieghu, anke jekk għall-fini ta' tgawdija provviżorja."

5. Il-kwistjoni jekk setgħetx issr azzjoni bħal dik tallum għall-qsim tat-tgawdija – u mhux tal-proprjetà – ta' beni li jifformaw parti minn assi ereditarju fil-pendenza ta' azzjoni għall-qsim tal-wirt, u jekk l-azzjoni setgħetx issir dwar xi wħud biss mill-beni tal-wirt, kienet meritu li ġie deċiż mhux bis-sentenza appellata iżda bis-sentenza li tat l-ewwel qorti fil-11 ta' Mejju 2004. Wara li sar appell minn dik is-sentenza, din il-qorti fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 2007 iddeċidiet "li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ritenut li l-atturi setgħu jippromwovu l-kawza *ai termini* tal-artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili".

6. Bis-saħħa ta' din id-deċiżjoni l-meritu tal-proponibilità tal-azzjoni, li dwaru tressaq l-aggravju, huwa issa, għallinqas bejn il-partijiet f'din il-kawża, magħluq u ma jistax jinfetaħ mill-ġdid, kif qiegħed ifittex li jagħmel il-konvenut appellant fl-ewwel aggravju tiegħu. Lanqas ma jista' l-konvenut appellant igħid illi s-sentenza tal-11 ta' Mejju 2004 kienet biss *in parte* u għalhekk jista' jappella minnha issa, flimkien

mas-sentenza finali[1]. L-ewwelnett is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2004 ma kinitx waħda *in parte* għax kienet finali fl-ewwel grad, għalkemm wara ġiet riformata minn din il-qorti, u, fit-tieni lok, l-appell tallum sar biss mis-sentenza tas-17 ta' Novembru 2010 u mhux minn dik tal-11 ta' Mejju 2004.

7. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

8. Fl-aħħar aggravju tiegħu l-konvenut appellant igħid hekk:

> "... … … f'dik l-istess qasma adottata mill-ewwel qorti tħallew barra l-leġittimarji Rita Portelli u Kathleen Mazzetta. Issa hu veru illi skond il-liġi tagħna l-porzjoni leġittima "*è una porzione dei beni del defunto, non già quota di eredità*" (Bugeja Lombardi *utrinque*, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 4 ta' Jannar 1881) u hi konsiderata "*un debito del testatore*" (Dr F. Gravagna *noe v.* Baronessa Maria Teresa D'Amico *et*, Prim'Awla Qorti Ċivili, 31 ta' Ottubru 1871). B'danakollu m'għandu[x] ikun hemm kuntrast illi l-leġittimarju għandu dritt jikkonsegwi sehemu *in natura* (Av. Carlo Vassallo noe *v.* Giuseppina Mallia *et*, Prim'Awla Qorti Ċivili, 24 ta' Frar 1930) u daqstant ieħor għandu dritt "*ai frutti a partire dalla apertura della successoone*" (Gabriella Caruana *v.* Caterina Zammit, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 7 ta' Jannar 1925). Li jfisser allura illi dawn iż-żewġ leġittimarji jkollhom interess li jkunu parti fil-ġudizzju tendenti għall-aħjar amministrazzjoni tal-għalqa komuni u li jipparteċipaw mill-frutti tal-istess għaqa jekk xi porzjoni minnha tiġi eventwalment tmiss lilhom *in natura* fid-diviżjoni proprja u definittiva."

9. Fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Mejju 2004 l-ewwel qorti kienet iddeċidiet hekk dwar din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju:

> "... … … billi jirriżulta illi ma ġewx ċitati l-kondividenti kollha li għandhom interess fl-assi formanti parti l-eredità in diviżjoni, u għalhekk il-ġudizzju mhux integru, tiddeċiedi dwar din l-eċċezjoni

[1] Art. 231(1), Kod. Org. Proċ. Ċiv.

preliminari billi tilqa’ l-istess eċċezzjoni u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.”

10. L-atturi kienu appellaw minn din id-deċiżjoni u fis-sentenza tad-9 ta’ Marzu 2007 il-Qorti tal-Appell kienet iddeċidiet hekk:

“Din il-qorti hija tal-fehma li l-ewwel qorti, sal-mument li ġiet biex tagħti s-sentenza appellata, kellha quddiemha żewġ punti x’tiddeċiedi. Il-punt ta’ tluq kien dwar jekk l-atturi setgħux jew le, fil-pendenza ta’ kawża ta’ divizjoni tal-assi ereditarji bejn il-kontendenti, jintavolaw azzjoni bħax-xorta li għamlu. L-ewwel qorti, wara li bbażat ruħha prinċipalment fuq l-artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili, iddeċidiet li tali azzjoni hija konsentita fis-sens li setgħet issir. Din il-qorti hija għal kollox konkordi ma’ din il-parti tad-*decide*, u effettivament ma sar l-ebda appell inċidentali da parti tal-konvenuti dwar dan. Dan qiegħed jingħad ukoll għar-raguni li għalkemm ma ġiex intavolat appell inċidentali mill-parti konvenuta, il-konvenut Paul Portelli għadu jinsisti, *tramite* r-risposta tiegħu għar-rikors ta’ appell, li bid-diviżjoni *pro tempore* tat-tgawdija tal-assi ereditarji “xorta in effetti tkun qed tintalab diviżjoni parzjali tal-istess assi ereditarji”. Din il-qorti tagħmilha ċara li tali teżi hija waħda skorretta u hija ma taqbilx magħha. … … …

“It-tieni punt li kellha tiddeċiedi l-ewwel qorti huwa jekk, darba li l-atturi kellhom tassew dritt li jaġixxu kontra l-konvenuti, kienx hemm xi ostakolu ta’ natura proċedurali li kien jirrendi l-azzjoni attriċi bħala waħda monka u konsegwentement nulla. … … …

“... ... ... din il-qorti ma taqbilx mal-ewwel qorti [dwar] il-mod kif din qabdet u għaddiet mill-ewwel biex tiddelibera u tiddeċiedi dwar il-meritu u l-validità *o meno* ta’ din l-eċċezzjoni mingħajr ma tat qabel xejn opportunità xierqa lill-partijiet kontendenti li jinvestu kif imiss l-import ta’ eċċezzjoni bħal din. … … ... din il-qorti m’hijiex konvinta li l-partijiet kellhom tabilħaqq l-opportunità li jittrattawha. Dan jidher aktar evidenti mill-fatt mhux biss li sallum l-atturi għadhom isostnu li, fl-aħħar mill-aħħar, il-ġudizzju hu integru u mhux bil-maqlub imma talli lanqas biss ma hemm esebit fl-atti mqar kopja tat-testment jew testmenti, jew dokumenti oħra, li juri sewwa sew min għandu *locus standi* f’din il-kawża. Ma saret l-ebda talba sabiex jiġu allegati l-atti tal-kawża l-oħra ta’ diviżjoni jew talba biex tal-anqas issir referenza formali għalihom. Għalhekk din il-qorti ma tistax tifhem kif, in mankanza ta’ tali tagħrif essenzjali, l-ewwel qorti qabdet u ddeliberat li din l-eċċezzjoni hija fondata a bażi ta’ postilla fir-raba’ paġna tas-sentenza tagħha bin-numru ħamsa (5) li tgħid hekk: “ara okkju tal-kawża pendenti quddiem din il-qorti ukoll: ċitaz. nru 70/1993.”

“... ... .. Hija … il-fehma ta’ din il-qorti li l-ewwel qorti, wara li kienet iddeċidiet li l-kawża attriċi kellha fondament ġuridiku u li fl-eċċezzjoni preliminari kien hemm ukoll kompriża fiha l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta’

> integrità tal-ġudizzju, kien jinkombi fuqha li tissofferma ruħha hemm u tagħti l-opportunità lill-kontendenti li jittrattaw kif xieraq tali eċċezzjoni. Dan ukoll minhabba l-fatt li l-Kodiċi tal-Proċedura kien joffri toroq oħrajn lill-istess partijiet li, fiċ-ċirkostanzi, setgħu jieħdu mingħajr ma jippressaw bilfors għal deċiżjoni bhal dik mertu ta' dan l-appell.
>
> "Kwindi hija l-fehma ta' din il-qorti li għandha tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel qorti, naturalment prevja r-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza appellata dwar l-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju għall-fini ta' trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni. … … ...
>
> "Għal dawn il-motivi, tilqa' *in parte* l-appell tal-atturi billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ritenut li l-atturi setgħu jippromwovu l-kawża *ai termini* tal-artikolu 494 tal-Kodiċi Ċivili, tirrevokaha u tannullaha f'dik il-parti fejn irriteniet "illi ma ġewx ċitati l-kondividenti kollha li għandhom interess fl-atti formanti parti l-eredità in diviżjoni, u għalhekk il-ġudizzju mhux integru …. u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudzzju", u, minflok, tirrinvija mill-ġdid l-atti tal-kawża quddiem l-ewwel qorti sabiex, wara li tagħti l-opportunità lill-kontendenti biex jitrattaw l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, tiddeċiedi mill-ġdid din l-eċċezzjoni u tkompli tiddisponi mill-bqija tal-kawża a bażi ta' dak li tkun hekk iddeċidiet."

11. Ngħaddu issa għall-meritu tal-aggravju, illi huwa illi biex il-ġudizzju jkun integru huwa meħtieġ illi jkunu parti fil-kawża żewġ persuni illi allegatament huma leġittimarji, jew, biex nużaw il-lingwaġġ tallum, għandhom jedd għas-sehem riżervat.

12. L-ewwel qorti fis-sentenza appellata qalet illi "in sewgitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Marzu 2007, l-atti ġew leġittimati u jirriżulta li din l-għalqa tappartjeni indiviżament bejn is-sitt kontendenti f'din il-kawża". Ma jidhirx, iżda, illi ssejħu fil-kawża ż-żewġ leġittimarji, u, tassew, ma setgħux jissejħu fil-kawża għax ma saret ebda prova tal-eżistenza tagħhom. Fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 2007 din il-qorti osservat illi:

> "... … … lanqas biss ma hemm esebit fl-atti mqar kopja tat-testment jew testmenti, jew dokumenti oħra, li juri sewwa sew min għandu *locus*

*standi* f'din il-kawża. Ma saret l-ebda talba sabiex jiġu allegati l-atti tal-kawża l-oħra ta' diviżjoni jew talba biex tal-anqas issir referenza formali għalihom."

13. Is-sitwazzjoni baqgħet l-istess sallum. Sallum baqgħet ma nġiebet ebda prova illi l-persuni msemmija mill-konvenuti huma tassew leġittimarji jew li tassew għandhom xi jedd fuq il-wirt. Fuq il-konvenut appellant kien jaqa' l-oneru tal-prova li hemm persuni li għandhom interess fil-proprjetà u li iżda ma humiex fil-kawża. Fin-nuqqas ta' din il-prova l-eċċezzjoni u l-aggravju relattiv ma jistgħux jintlaqgħu.

14. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż kollha tal-appell iħallashom il-konvenut appellant.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------